# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tmintax (18) ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru 260/15 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

**Emanuel Azzopardi (ID 248162M)**
**u**
**Mary Doris Azzopardi (ID 16262M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 31 ta' Awissu 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati:

> *ihallsu lis-societa' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmu (€6,625.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Meiju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lillhom permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Frar 1999.*
>
> *U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-graijiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Emanuel Azzopardi u Mary E Doris Azzopardi (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat- terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru li ged jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjjoni.*

Rat id-dokumentazzjoni annessa mis-socjeta rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta ta' Mary Doris Azzopardi ippresentata fl-1 ta' Ottubru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub mis-socjeta rikorrenti billi qajjem is-segwenti eccezzjonjiet:

*Illi l-esponenti tikkontesta t-talba ghall-kundanna ghall-hlas fil-konfront taghha.*

*Illi l-Loan Account sar minn zewgha ntimat ad insaputa taghha b'rizultat ta' qerq ezercitat fuqha. Jane Mifsud, ex ufficial tal Bank, iddikjarat li Doris Azzopardi veru gatt ma attendiet Bank biex tiffirma noltre, fil-file tal-Bank hemm prokura mehuda b'ingann kif ser jigi ppruvat.*

*Mil-Loan Account qed jibbenefika biss in-negozju tieghu "Azzopardi Woodworks" gewwa Har-Kirkop.*

*Barra minn hekk, il-Bank halla ntimat Emanuel Azzopardi jirtira l-flus kollha li kellu 'pledged' biex jaghmlu tajjeb ghal-Loan Account.*

*Illi ntimata diga istitwiet kawza ta' separazzioni personali kontra l-intimat zewgha.*

*Illi l-esponenti m'ghandha taghti xejn lill-Bank rikorrent: fraus omnia corrumpit.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat illi Emmanuel Azzopardi gie notifikat bil-pubblikazzjoni u affissjoni, liema pubblikazzjoni sehhet fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Dicembru 2015 (fol 25), fl-Orizzont tas 7 ta' Jannar 2016 (fol 27), fil-Malta Independent tas-7 ta' Jannar 2016 (fol 28) u affissjoni fil-Kunsill Lokali Rabat u l-Ghassa tar-Rabat fid 9 ta' Diocembru 2015 (fol 30).

Rat illi meta ssejjhet il-kawza fit 18 ta' Jannar 2016, l-intimat Emmanuel Azzopardi ma deherx biex jikkontesta l-kawza.

Rat l-affidavit ta' **Mariza Debono**, Relationship Manager tal-Bank of Valletta plc, ippresentnat fl-14 ta' Marzu 2016 flimkien mad-dokumentazzjoni hemm annessi.

Rat illi fit 3 ta' Gunju 2016 is-socjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Mary Doris Azzopardi** moghtija fl-10 ta' Novembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Victor Bugeja** moghtija fis 26 ta' Jannar 2017.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimata fid 19 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Marisa Debono moghtija fid 9 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fid 9 ta' Ottubru 2017 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi bhala maghluq.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur ta' Mary Doris Azzopardi ippresentati fit 13 ta' Novembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensur tas-socjeta rikorrenti ppresentati fit 12 ta' Dicembru 2017.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2017 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimati Emanuel Azzopardi u Mary Doris Azzopardi huma mizzewgin ghalkemm fil-present ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.

Jirrizulta illi fis-6 ta' Frar 1999 l-intimati inghataw 'loan' fl-ammont ta' Lm22,000 ghax-xiri tal-fond 6/7, St. John The Baptist Street, Rabat. (fol 36)

Jirrizulta illi fit 22 ta' Marzu 1999 l-intimati inghataw 'loan' addizzjonali fl-ammont ta' Lm3,000 ghal uzu personali. (fol 39)

Jirrizulta illi fis 17 ta' April 2006 is-socjeta rikorrenti kitbet lill-intimati sabiex tgharrafhom li kien fadal bilanc ta' Lm3,020.43 pendenti u ma kienux qed jaghmlu pagamenti. (fol 44)

Jirrizulta illi fil-31 ta' Awissu 2009 is-socjeta rikorrenti regghet kitbet lill-intimati sabiex tgharrafhom illi kien fadal bilanc ta' €9,202.26 pendenti u ma kienux qed jaghmlu pagamenti u kienu ser jittiehdu proceduri. (fol 45)

Jirrizulta illi fil 21 ta' Lulju 2011, is-socjeta rikorrenti baghtet Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A lill-intimati fejn gharrfithom illi kien hemm bilanc ta' €6,266.35 u fi zmien tletin gurnata dana kien ser jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. (fol 46)

Jirrizulta illi fil 31 ta' Awissu 2011 l-intimati konguntivament wiegbu fl-atti tal-Ittra Ufficjali fejn cahdu l-pretensjonjiet tas-socjeta rikorrenti u sahqu li riedu jkomplu jhallsu regolarment kif miftiehem. (fol 48)

Jirrizulta illi fit 18 ta' Dicembru 2014 is-socjeta rikorrenti regghet baghtet Ittra Ufficjali ohra a tenur tal-Artikolu 166A fejn gharfithom illi kien hemm bilanc ta' €6,695.57 u fi zmien tletin gurnata dana kien ser jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. (fol 49)

Jirrizulta illi fid 29 ta' Dicembru 2014 l-intimata Mary Doris Azzopardi rrispondiet fl-atti tal-Ittra Ufficjali fejn sahqet illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. (fol 51)

Jirrizulta illi fit 30 ta' Marzu 2015 l-intimat Emmanuel Azzopardi rrispondiet fl-atti tal-Ittra Ufficjali fejn sahqet illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. (fol 52)

Jirrizulta illi sussegwetement fil 31 ta' Awissu 2015 is-socjeta rikorrenti niedet il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, l-ewwel u qabel kollox, illi Emanuel Azzopardi, debitament notifikat, qatt ma ppresneta eccezzjonijet u wisq anqas ma qatt deher il-Qorti sabiex jikkontesta l-kaz jew jaghti l-verzjoni tioeghu tal-fatti.

Jirrizulta illi l-intimata Mary Doris Azzopardi, da parte taghha, tikkontendi illi fuq is-sanction letter tal-Bank hemm il-firma taghha izda ma tafx kif tali firma wasslet hemm u tikkontendi li ma kienetx taf kif il-flus spiccaw ingibdu mill-Dr Victor Bugeja, illi dak iz-zmien kien il-konsulent legali tar-ragel taghha, Emanuel Azzopardi.

Jirrizulta, madanakollu, illi ma hemm ebda raguni ‘l ghaliex tiddubita illi l-Bank kien in buona fede meta hareg il-loan liz-zewgt intimati u kien ukoll in buona fede meta huwa hareg ic-cekk lill-Dr Victor Bugeja, kif rikjest mill-intimat Emmanuel Azzopardi.

Jirrizulta bl-aktar mod car illi l-kwistjoni illi ghandha l-intimata Mary Doris Azzopardi hija direttament mar-ragel taghha u mhux mas-socjeta rikorrenti, illi ghaddiet il-flus lilha mitluba miz-zewgt intimati u issa trid terggha tithallas dak illi huwa taghha.

Jirrizula car ukoll illi l-intimata qieghda tipprova tattakka l-validita’ o meno ta’ prokura illi hija kienet tat lir-ragel taghha fit 13 ta’ Lulju 1998. (fol 54)

Jirrizulta wkoll illi l-intimata ppresentat prokura ohra, din id-darba datata 2 ta’ Marzu 1997. (fol 106)

Jirrizulta, madanakollu, illi ebda wahda minn dawna l-prokuri ma ghandhom ebda utilita fil-proceduri odjerni, stante illi s-sanction letter illi abbazi taghha inghataw il-flus illi l-bilanc taghhom issa qieghed jintalab mis-socjeta rikorrenti kienet iffirmata mill-intimata, liema firma hija gharrfitha, ghalkemm ma kienetx taf kif wasslet hemm.

Jirrizulta ghalhekk illi s-socjeta rikorrenti ippruvat il-kaz taghha filwaqt illi l-eccezzjonijiet imqajjma mill-intimata Mary Doris Azzopardi ma jissusistux fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata Mary Doris Azzopardi,

**Tilqa** t-talba attrici u ghalhekk,

**Tikkundanna** lill intimati Emanuel Azzopardi u Mary Doris Azzopardi in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-societa' attrici Bank of Valletta plc is-somma ta' **sitt elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmu** (€6,625.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mit 22 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur